DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/121

tas-27 ta' Jannar 2022

li tistabbilixxi regoli interni dwar l-għoti ta' informazzjoni lis-suġġetti tad-*data* u r-restrizzjoni ta' ċerti drittijiet tagħhom fil-kuntest tal-ipproċessar ta' *data* personali għall-finijiet tat-trattament ta' talbiet u lmenti skont ir-Regolamenti tal-Persunal

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 249(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni, stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ([1]) ("ir-Regolamenti tal-Persunal"), jirrikjedu li l-Kummissjoni twieġeb għal ċerti talbiet u lmenti. Dawk il-kompiti jitwettqu prinċipalment mill-Unità "Appelli u Monitoraġġ tal-Każijiet" tad-Direttorat Ġenerali responsabbli għar-Riżorsi Umani u s-Sigurtà ("DĠ HR"), li tistabbilixxi l-fatti rilevanti u tevalwahom minn perspettiva legali sabiex tassisti lill-Awtorità tal-Ħatra jew lill-Awtorità responsabbli għall-Konklużjoni tal-Kuntratti ta' Impjieg ("l-Awtorità") fit-teħid ta' deċiżjoni.

(2) L-Artikolu 22c tar-Regolamenti tal-Persunal jobbliga lill-Kummissjoni, skont l-Artikoli 24 u 90 tar-Regolamenti tal-Persunal, li tistabbilixxi proċedura għat-trattament tal-ilmenti mressqa mill-uffiċjali dwar il-mod kif jiġu ttrattati wara jew bħala konsegwenza li jkunu rrapportaw irregolarità serja skont l-Artikoli 22a u 22b tar-Regolamenti tal-Persunal ([2]).

(3) L-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal jirrikjedi li l-Kummissjoni tassisti lill-uffiċjali fi proċedimenti kontra persuni li jwettqu theddid, atti jew kliem ta' insult jew malafama, jew attakki fuq persuna jew proprjetà li għalihom huma jew membru tal-familja tagħhom huma soġġetti minħabba l-pożizzjoni jew id-dmirijiet tagħhom.

(4) L-Artikolu 90(1) u (2) tar-Regolamenti tal-Persunal jippermetti lil kull persuna li għaliha japplikaw ir-Regolamenti tal-Persunal li titlob lill-Awtorità tieħu deċiżjoni dwarha, jew tressaq ilment kontra deċiżjoni li taffettwaha b'mod negattiv.

(5) Fil-kuntest ta' dawk l-attivitajiet, is-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni jiġbru u jipproċessaw l-informazzjoni rilevanti. Dik l-informazzjoni tinkludi *data* personali, b'mod partikolari *data* dwar l-identifikazzjoni, *data* ta' kuntatt u dwar l-imġiba. Is-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni jittrażmettu *data* personali lil servizzi oħra tal-Kummissjoni fuq bażi ta' "tagħrif skont il-bżonn".

(6) Id-*data* personali hija maħżuna f'ambjent elettroniku u sigur biex ma jkunx hemm aċċess illegali jew trasferiment ta' *data* lil persuni li m'għandhomx bżonn li jkunu jafu. Wara li jintemm l-ipproċessar, id-*data* tinżamm f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Kummissjoni ([3]).

([1]) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.

([2]) Avviż Amministrattiv Nru 79-2013 tad-19 ta' Diċembru 2013 "*Aġġornament tal-arranġamenti għas-sottomissjoni ta' talbiet u lmenti (l-Artikolu 90(1) u (2) tar-Regolamenti tal-Persunal) u talbiet għal assistenza (l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal*)".

([3]) Iż-żamma tal-fajls fil-Kummissjoni hija rregolata mil-Lista Komuni ta' Żamma fil-Livell tal-Kummissjoni, dokument regolatorju fil-forma ta' skeda ta' ritenzjoni li tistabbilixxi l-perjodi ta' żamma għat-tipi differenti ta' fajls tal-Kummissjoni (SEC(2019)900). Il-perjodi ta' żamma għal *data* personali huma indikati fl-avviż ta' privatezza dwar it-trattament ta' talbiet u lmenti skont ir-Regolamenti tal-Persunal.

(7) Waqt li twettaq il-kompiti tagħha skont ir-Regolamenti tal-Persunal, il-Kummissjoni hija marbuta li tirrispetta d-drittijiet tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali rikonoxxuti mill-Artikolu 8(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u mill-Artikolu 16(1) tat-Trattat, kif ukoll id-drittijiet previsti fir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). Fl-istess ħin, il-Kummissjoni hija meħtieġa tikkonforma ma' regoli stretti ta' kunfidenzjalità u segretezza professjonali.

(8) F'ċerti ċirkostanzi, huwa meħtieġ li jiġu rikonċiljati d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 mal-ħtieġa li jiġu ssalvagwardjati l-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali u li tiġi żgurata l-effettività tar-rispons tal-Kummissjoni għal allegazzjonijiet ta' fastidju u mġiba jew attakki oħra mhux xierqa, kif ukoll b'rispett sħiħ għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' suġġetti tad-*data* oħrajn. F'dan is-sens, l-Artikolu 25(1), il-punti (b), (c), (g) u (h) tar-Regolament (UE) 2018/1725 jagħti l-possibbiltà lill-Kummissjoni li tirrestrinġi l-applikazzjoni tal-Artikoli 14 sa 17, 19, 20 u 35, kif ukoll il-prinċipju ta' trasparenza stabbilit fl-Artikolu 4(1) il-punt (a), sa fejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jikkorrispondu mad-drittijiet u l-obbligi previsti fl-Artikoli 14 sa 17, 19 u 20 ta' dak ir-Regolament.

(9) Dan jista', b'mod partikolari, ikun il-każ fir-rigward tal-għoti ta' informazzjoni dwar l-ipproċessar ta' *data* personali lill-persuna li fir-rigward tagħha tkun tressqet talba jew ilment "il-persuna kkonċernata"), b'mod partikolari meta l-proċedura toriġina minn talba għal assistenza skont l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal li tallega fastidju. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tirrestrinġi l-għoti ta' tali informazzjoni lill-persuna kkonċernata sabiex tipproteġi d-drittijiet u l-libertajiet ta' min jagħmel it-talba, ta' min jagħmel l-ilment jew tax-xhud skont l-Artikolu 25(1), il-punt (h), tar-Regolament (UE) 2018/1725. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tagħmel dan, b'mod partikolari biex tipproteġi lil dawk il-persuni kontra ritaljazzjoni possibbli mill-persuni kkonċernati li kontrihom saru allegazzjonijiet in bona fede, li madankollu ma wasslux għal miżuri mill-amministrazzjoni. F'xi sitwazzjonijiet jista' jkun meħtieġ li jiġi ristrett l-għoti ta' tali informazzjoni biex jiġi evitat li jseħħ fastidju jew imġiba jew attakki mhux xierqa oħra fil-Kummissjoni (b'mod partikolari fl-entità organizzattiva fejn il-persuna kkonċernata taħdem flimkien ma' min jagħmel it-talba, l-ilmentatur u jew ix-xhud).

(10) Jista' jkun meħtieġ ukoll li jiġu ristretti drittijiet oħra tal-persuna kkonċernata meta l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet jiżvela informazzjoni dwar min jagħmel it-talba, l-ilmentatur jew xhud li jkun talab li l-identità tiegħu ma tiġix żvelata. F'każ bħal dan, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tirrestrinġi d-dritt ta' aċċess għad-dikjarazzjoni relatata mal-persuna kkonċernata jew mad-drittijiet l-oħra tagħha sabiex tipproteġi d-drittijiet u l-libertajiet ta' min jagħmel it-talba, tal-ilmentatur jew tax-xhud għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessa 9. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tagħmel dan skont l-Artikolu 25(1), il-punt (h), tar-Regolament (UE) 2018/1725.

(11) Jista' jkun meħtieġ ukoll li jiġu ristretti d-drittijiet tal-persuna kkonċernata sabiex tiġi salvagwardjata funzjoni ta' monitoraġġ, spezzjoni jew funzjoni regolatorja marbuta mal-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali f'każ fejn ikun involut objettiv importanti ta' interess pubbliku ġenerali tal-Unjoni, jiġifieri li tiġi żgurata l-effettività tar-rispons tal-Kummissjoni għal allegazzjonijiet ta' fastidju u ta' kwalunkwe mġiba jew attakk mhux xierqa oħra. Il-ġlieda kontra l-fastidju u kwalunkwe mġiba jew attakk ieħor mhux xieraq tikkostitwixxi objettiv importanti ta' interess pubbliku ġenerali tal-Unjoni, inkluż tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha d-dmir li tassisti lill-persunal tagħha skont l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal. Sabiex il-membri tal-persunal ma jiġux skoraġġuti milli jirrapportaw każijiet perċepiti ta' fastidju u mġiba jew attakki oħra mhux xierqa u milli jitolbu assistenza f'dan il-kuntest, li huwa fl-interess pubbliku tal-Unjoni, għandu jiġi żgurat li l-persuni kkonċernati ma jiksbux għarfien tat-talba għal assistenza li tikkonċernahom. Dan jista' jkun partikolarment pertinenti f'każijiet fejn l-Awtorità ssib li ma seħħ l-ebda fastidju skont it-tifsira tar-Regolamenti tal-Persunal. F'tali sitwazzjoni, l-interess pubbliku tal-Unjoni jeżiġi li l-persuna kkonċernata ma tkunx taf bit-talba għal assistenza sabiex jiġi ppreżervat ir-rikors mill-membri tal-persunal għall-proċedura prevista fl-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal u sabiex jiġu evitati kunflitti ġodda. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tirrestrinġi d-drittijiet tal-persuna kkonċernata skont l-Artikolu 25(1), il-punti (c) u (g) tar-Regolament (UE) 2018/1725.

([4]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

(12) Jista' jkun meħtieġ ukoll li jiġu ristretti d-drittijiet tal-persuna kkonċernata sabiex jiġu salvagwardjati l-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, li dawk li jagħmlu t-talba, l-ilmentaturi jew ix-xhieda jirrapportaw lill-Kummissjoni fir-rigward tal-persuna kkonċernata. Pereżempju, dawk li jagħmlu talba, l-ilmentaturi u x-xhieda jistgħu jirrapportaw imġiba mhux xierqa u fastidju psikoloġiku u sesswali. F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tirrestrinġi d-drittijiet tal-persuna kkonċernata skont l-Artikolu 25(1), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2018/1725.

(13) Ir-Regolamenti tal-Persunal jeżiġu li l-Kummissjoni tiżgura li t-talbiet u l-ilmenti skont dawk ir-Regolamenti jiġu ttrattati b'mod kunfidenzjali. Sabiex tiġi żgurata dik il-kunfidenzjalità, filwaqt li jiġu rispettati l-istandards tal-protezzjoni tad-*data* personali skont ir-Regolament (UE) 2018/1725, jeħtieġ li jiġu adottati regoli interni li skonthom il-Kummissjoni tista' tirrestrinġi d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* f'konformità mal-Artikolu 25(1), il-punti (b), (c), (g) u (h) tar-Regolament (UE) 2018/1725.

(14) Ir-regoli interni għandhom japplikaw għall-operazzjonijiet kollha ta' pproċessar imwettqa mill-Kummissjoni fit-twettiq tal-kompiti tagħha rigward it-trattament ta' talbiet u lmenti skont ir-Regolamenti tal-Persunal.

(15) Sabiex tikkonforma mal-Artikoli 14, 15 u 16 tar-Regolament (UE) 2018/1725, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinforma lill-individwi kollha bl-attivitajiet tagħha li jinvolvu l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom u bid-drittijiet tagħhom b'mod trasparenti u koerenti permezz ta' avviż ta' protezzjoni tad-*data* ppubblikat fuq il-websajt tal-Kummissjoni. Fejn rilevanti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tinforma individwalment, b'mezzi xierqa, lis-suġġetti tad-*data* involuti f'talba jew ilment, jiġifieri, dawk li jagħmlu t-talba u l-ilmentaturi, il-persuni kkonċernati u x-xhieda.

(16) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tindirizza r-restrizzjonijiet kollha b'mod trasparenti u tirreġistra kull applikazzjoni tar-restrizzjonijiet fis-sistema ta' reġistrazzjoni korrispondenti.

(17) Fir-rigward tar-restrizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2018/1725, li jipprevedi li fejn id-*data* personali ma tkunx inkisbet mis-suġġett tad-*data*, is-suġġett tad-*data* għandu jiġi infurmat fi żmien xahar, jenħtieġ li l-Kummissjoni, fi żmien xahar, tfassal rekord li jiddeskrivi r-raġunijiet għal kwalunkwe restrizzjoni applikata. Dak ir-rekord jenħtieġ li jinkludi valutazzjoni każ b'każ tan-neċessità u l-proporzjonalità tar-restrizzjoni.

(18) Skont l-Artikolu 25(8) tar-Regolament (UE) 2018/1725, il-kontrolluri jistgħu jiddiferixxu, iħallu barra jew jiċħdu l-għoti ta' informazzjoni relatata mar-raġunijiet prinċipali għall-applikazzjoni ta' restrizzjoni għas-suġġett tad-*data* jekk l-għoti ta' dik l-informazzjoni jikkanċella l-effett tar-restrizzjoni. Dan huwa partikolarment il-każ fir-rigward tar-restrizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikoli 16 u 35 ta' dak ir-Regolament.

(19) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrevedi b'mod regolari r-restrizzjonijiet imposti sabiex tiżgura li d-drittijiet tas-suġġett tad-*data* li jiġi infurmat skont l-Artikoli 16 u 35 tar-Regolament (UE) 2018/1725 jiġu ristretti biss sakemm tali restrizzjonijiet ikunu meħtieġa għar-raġunijiet elenkati fil-premessa 8.

(20) L-applikazzjoni tar-restrizzjonijiet għandha tiġi rieżaminata meta tingħata tweġiba għat-talbiet imressqa skont l-Artikoli 22c u 24 u l-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal u għall-ilmenti mressqa skont l-Artikolu 22c l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, jew meta jingħalqu tali talbiet u lmenti, skont liema minnhom jiġi l-ewwel. Wara dan, il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-ħtieġa li żżomm xi restrizzjoni fuq bażi annwali.

(21) F'ċerti każijiet, jista' jkun meħtieġ li tinżamm l-applikazzjoni ta' restrizzjoni, b'mod partikolari restrizzjoni tal-applikazzjoni tal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2018/1725, sakemm id-*data* personali inkwistjoni ma tibqax tinżamm mill-Kummissjoni. F'każ bħal dan, is-suġġett tad-*data* ma għandux jiġi infurmat dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħu. Tali sitwazzjoni tista', b'mod partikolari, issehħ meta jkun hemm riskju għoli li l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ipproċessar ta' *data* personali lill-persuna kkonċernata jippreġudika d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn. Dan jista' jkun il-każ fejn l-Awtorità tirrifjuta talba għall-assistenza magħmula in bona fede għal allegata mġiba mhux xierqa mill-persuna kkonċernata, u fejn il-persuna kkonċernata u min jagħmel it-talba jaħdmu flimkien fl-istess entità organizzattiva. F'sitwazzjoni bħal din, min jagħmel it-talba jirriskja li jkun soġġett għal ritaljazzjoni u l-atmosfera tax-xogħol tal-entità organizzazzjonali tista' tkun affettwata. F'każ bħal dan, id-*data* personali tal-persuna kkonċernata għandha tinżamm biss sakemm id-*data* tkun rilevanti għat-trattament tat-talba u/jew tal-ilment u sakemm din tal-aħħar tista' tkun is-suġġett ta' litigazzjoni.

(22) Jenħtieġ li l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-Kummissjoni Ewropea jwettaq rieżami indipendenti tal-applikazzjoni tar-restrizzjonijiet, bil-għan li tiġi żgurata l-konformità ma' din id-deċiżjoni.

(23) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat u ta l-opinjoni tiegħu fit-23 ta' Settembru 2021,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-regoli li għandhom jiġu segwiti mill-Kummissjoni biex tinforma lis-suġġetti tad-*data* dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom skont l-Artikoli 14, 15 u 16 tar-Regolament (UE) 2018/1725 meta tittratta talbiet u lmenti skont ir-Regolamenti tal-Persunal.

Hija tistabbilixxi wkoll il-kundizzjonijiet li bihom il-Kummissjoni tista' tirrestrinġi l-applikazzjoni tal-Artikoli 4, 14 sa 17, 19, 20 u 35 tar-Regolament (UE) 2018/1725, f'konformità mal-Artikolu 25(1), il-punti (b), (c), (g) u (h) ta' dak ir-Regolament.

2. Din id-Deċiżjoni tapplika għall-ipproċessar ta' *data* personali mill-Kummissjoni għall-finijiet tat-trattament ta' talbiet u lmenti skont l-Artikoli 22c u 24 u l-Artikolu 90(1) u (2) tar-Regolamenti tal-Persunal.

3. Il-kategoriji ta' *data* personali koperti minn din id-Deċiżjoni jinkludu *data* dwar l-identifikazzjoni, il-kuntatt u l-imġiba kif ukoll kategoriji speċjali ta' *data* personali skont it-tifsira tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725.

Artikolu 2

Eċċezzjonijiet u restrizzjonijiet applikabbli

1. Meta l-Kummissjoni teżerċita d-dmirijiet tagħha fir-rigward tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2018/1725, hija għandha tqis jekk tapplikax xi waħda mill-eċċezzjonijiet stipulati f'dak ir-Regolament.

2. Soġġett għall-Artikoli 3 sa 7, fejn l-eżerċizzju tad-drittijiet u l-obbligi previsti fl-Artikoli 14 sa 17, 19, 20 u 35 tar-Regolament (UE) 2018/1725 fir-rigward ta' *data* personali pproċessata mill-Kummissjoni jimmina r-raġunijiet elenkati fl-Artikolu 25(1), il-punti (b), (c), (g) jew (h) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' tirrestrinġi l-applikazzjoni ta':

(a) l-Artikoli 14 sa 17, 19, 20 u 35 tar-Regolament (UE) 2018/1725; kif ukoll

(b) Il-prinċipju tat-trasparenza stabbilit fl-Artikolu 4(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2018/1725 sa fejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jikkorrispondu mad-drittijiet u l-obbligi previsti fl-Artikoli 14 sa 17, 19 u 20 ta' dak ir-Regolament, sabiex jiġu salvagwardjati l-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, li r-rikjedenti, l-ilmentaturi jew ix-xhieda jirrappurtaw lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni, fir-rigward tal-persuna kkonċernata b'allegazzjonijiet ta' fastidju jew imġiba jew attakki oħra mhux xierqa.

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' deċiżjonijiet oħra tal-Kummissjoni li jistabbilixxu regoli interni dwar l-għoti ta' informazzjoni lis-suġġetti tad-*data* u r-restrizzjoni ta' ċerti drittijiet skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

4. Kwalunkwe restrizzjoni tad-drittijiet u tal-obbligi msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun neċessarja u proporzjonata, meta jitqiesu r-riskji għad-drittijiet u għal-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*.

5. Qabel ma jiġu applikati r-restrizzjonijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq valutazzjoni "każ b'każ" tan-neċessità u l-proporzjonalità tagħhom. Ir-restrizzjonijiet għandhom ikunu limitati għal dak li hu strettament meħtieġ biex jinkiseb l-objettiv tagħhom.

Artikolu 3

L-għoti ta' informazzjoni lis-suġġetti tad-*data*

1. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha avviż dwar il-protezzjoni tad-*data* li jinforma lis-suġġetti tad-*data* kollha dwar l-attivitajiet tagħha li jinvolvu l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom għall-fini li jiġu ttrattati t-talbiet u l-ilmenti skont ir-Regolamenti tal-Persunal.

2. Il-Kummissjoni għandha tinforma individwalment, b'mezzi xierqa, lir-rikjedenti u lill-ilmentaturi, lill-persuni kkonċernati, kif ukoll lix-xhieda mitluba biex jipprovdu informazzjoni fir-rigward ta' tali talbiet jew ilmenti, dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom.

3. Fejn il-Kummissjoni tirrestrinġi f'konformità mal-Artikolu 2, b'mod sħiħ jew parzjali, l-għoti ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 lill-persuni kkonċernati, li d-*data* personali tagħhom tiġi pproċessata għall-fini tat-trattament ta' talbiet u lmenti skont ir-Regolamenti tal-Persunal, hija għandha tirreġistra r-raġunijiet għar-restrizzjoni f'konformità mal-Artikolu 6.

Artikolu 4

Dritt ta' aċċess mis-suġġetti tad-*data*, dritt ta' tħassir u dritt ta' restrizzjoni tal-ipproċessar

1. Meta l-Kummissjoni tirrestrinġi, b'mod sħiħ jew parzjali, id-dritt tal-aċċess tas-suġġetti tad-*data* għad-*data* personali, id-dritt għat-tħassir jew id-dritt għar-restrizzjoni tal-ipproċessar kif imsemmi fl-Artikoli 17, 19 u 20 tar-Regolament (UE) 2018/1725 rispettivament, hija għandha tgħarraf lis-suġġett tad-*data* konċernat b'dan li ġej fit-tweġiba tagħha għat-talba għall-aċċess, għat-tħassir jew għar-restrizzjoni tal-ipproċessar:

(a) bir-restrizzjoni applikata u bir-raġunijiet ewlenin għaliha;

(b) bil-possibbiltà li jibgħat ilment lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* jew li jitlob rimedju ġudizzjarju fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

2. L-għoti ta' informazzjoni dwar ir-raġunijiet għar-restrizzjoni msemmi fil-paragrafu 1 jista' jiġi differit, jitħalla barra jew jiġi miċħud sakemm ikun qed jikkanċella l-fini tar-restrizzjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tniżżel ir-raġunijiet għal tali restrizzjoni skont l-Artikolu 6.

4. Meta d-dritt ta' aċċess ikun totalment jew parzjalment ristrett, is-suġġett tad-*data* għandu jeżerċita d-dritt ta' aċċess tiegħu permezz tal-intermedjarju tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, skont l-Artikolu 25(6), (7) u (8) tar-Regolament (UE) 2018/1725.

Artikolu 5

Komunikazzjoni ta' ksur ta' *data* personali tas-suġġetti tad-*data*

Meta l-Kummissjoni tirrestrinġi l-komunikazzjoni ta' ksur tad-*data* personali lis-suġġett tad-*data*, kif imsemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1725, hija għandha tieħu nota tar-raġunijiet għar-restrizzjoni u tirrekordja u tirreġistra dawn ir-raġunijiet skont l-Artikolu 6. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika r-rekord lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* fil-ħin tan-notifika tal-ksur tad-*data* personali.

Artikolu 6

Dokumentazzjoni u reġistrazzjoni tar-restrizzjonijiet

1. Il-Kummissjoni għandha tieħu nota tar-raġunijiet għal kull restrizzjoni applikata skont din id-Deċiżjoni, fosthom valutazzjoni tal-ħtieġa u tal-proporzjonalità tar-restrizzjoni, filwaqt li tqis l-elementi rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725.

2. Ir-rekord għandu jiddikjara kif l-eżerċizzju tad-dritt mis-suġġett tad-*data* rilevanti jimmina waħda jew aktar mir-raġunijiet applikabbli elenkati fl-Artikolu 25(1), il-punti (b), (c), (g) u (h) tar-Regolament (UE) 2018/1725.

3. Ir-rekord u, meta applikabbli, id-dokumenti li jinkludu l-elementi fattwali u ġuridiċi sottostanti għandhom jiġu rreġistrati. Għandhom ikunu disponibbli għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* fuq talba.

Artikolu 7

Tul ta' żmien tar-restrizzjonijiet

1. Ir-restrizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 3, 4 u 5 għandhom ikomplu japplikaw sakemm jibqgħu applikabbli r-raġunijiet li jiġġustifikawhom.

2. Fejn ir-raġunijiet għal restrizzjoni msemmija fl-Artikolu 3, 4 jew 5 ma jibqgħux japplikaw, il-Kummissjoni għandha tneħħi r-restrizzjoni.

3. Hija għandha tipprovdi wkoll ir-raġunijiet prinċipali għall-applikazzjoni ta' dik ir-restrizzjoni lis-suġġett tad-*data* u tinfurmah dwar il-possibbiltà li jressaq ilment quddiem il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* fi kwalunkwe ħin jew li jfittex rimedju ġudizzjarju fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

4. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-applikazzjoni tar-restrizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 3, 4 u 5 meta twieġeb għal talbiet ippreżentati skont l-Artikoli 22c u 24 u l-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, u għal ilmenti, ippreżentati skont l-Artikolu 22c u l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, jew, meta tali talbiet jew ilmenti jingħalqu, skont liema minnhom tiġi l-ewwel. Wara dan, il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-ħtieġa li tinżamm kwalunkwe restrizzjoni fuq bażi annwali. Ir-rieżami għandha tinkludi valutazzjoni tal-ħtieġa u tal-proporzjonalità tar-restrizzjoni, filwaqt li tqis l-elementi rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725.

Artikolu 8

Salvagwardji u perjodi ta' ħażna

1. Il-Kummissjoni, rispettivament l-Unità tal-Appelli u l-Monitoraġġ tal-Każijiet tad-DĠ HR għandha timplimenta salvagwardji biex tipprevjeni l-abbuż u l-aċċess illegali għal jew it-trasferiment ta' *data* personali li fir-rigward tagħha japplikaw jew jistgħu jiġu applikati restrizzjonijiet. Dawn is-salvagwardji għandhom jinkludu miżuri tekniċi u organizzattivi bħal:

(a) definizzjoni ċara tar-rwoli, ir-responsabbiltajiet, id-drittijiet ta' aċċess u l-passi proċedurali;

(b) ambjent elettroniku sigur li jipprevjeni l-aċċess jew it-trasferiment illegali jew aċċidentali ta' *data* elettronika lil persuni mhux awtorizzati;

(c) ħażna u pproċessar siguri tad-dokumenti stampati limitati għal dak li huwa strettament meħtieġ biex jintlaħaq l-għan tal-ipproċessar;

(d) monitoraġġ dovut tar-restrizzjonijiet u rieżami perjodiku tal-applikazzjoni tagħhom. Ir-rieżamijiet imsemmija fil-punt (d) għandhom isiru mill-inqas kull sitt xhur.

2. Ir-restrizzjonijiet għandhom jitneħħew hekk kif iċ-ċirkostanzi li jiġġustifikawhom ma jibqgħux japplikaw.

3. Id-*data* personali għandha tinżamm skont ir-regoli ta' żamma applikabbli tal-Kummissjoni, li għandhom jiġu definiti fir-rekords miżmuma taħt l-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2018/1725. Fi tmiem il-perjodu ta' żamma, id-*data* personali għandha titħassar, tiġi anonimizzata jew trasferita fl-arkivji skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

Artikolu 9

Rieżami mill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-Kummissjoni

1. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-Kummissjoni għandu jiġi infurmat mingħajr dewmien żejjed kull meta d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* jiġu ristretti skont din id-Deċiżjoni. Meta jitlob dan, l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* għandu jkun ipprovdut b'aċċess għar-rekord u għal kwalunkwe dokumenti li fihom elementi fattwali u legali sottostanti.

2. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* jista' jitlob rieżami tar-restrizzjoni. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* għandu jiġi infurmat bil-miktub dwar l-eżitu tar-rieżami mitlub.

3. Il-Kummissjoni għandha tiddokumenta l-involviment tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* f'kull każ fejn jiġu ristretti d-drittijiet u l-obbligi msemmijin fl-Artikolu 2(2).

Artikolu 10

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Jannar 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN